# KNISJA TA' KRISTU

**Flat 7, Polythecnic Flats,**
**Ġużè Debono Square**
**Msida, MSD 10**
[www.churchofchristmalta.com](http://www.churchofchristmalta.com)

Evanġelist:
George Ebejer
24, Sqaq it-Torri,
Cospicua, CSP 03
MALTA
☏ +356 21898270

## STATUT TAL-KNISJA TA' KRISTU

### I. MISSJONI TAL-KNISJA

Il-missjoni tal-Knisja ta' Kristu hija li xxerred l-Evanġelju lill-mitlufin fi sforz biex iġġibhom għand Kristu u t-tgawdija tas-salvazzjoni permezz Tiegħu.

L-Evanġelizzazzjoni huwa x-xogħol tal-knisja li twassal l-Aħbar it-Tajba tas-Saltna ta' Alla lil oħrajn, tgħidilhom dwar is-salvazzjoni li wieħed jista' jkollu f'dik is-Saltna permezz ta' Kristu, tħeġġiġhom biex jaqsmu f'dik is-salvazzjoni, u twassalhom biex jieħdu deċiżjoni bħal din.

Il-motiv prinċipali tal-knisja huwa "**Imħabba għall-mitlufa**." Xejn ma jista' jieħu post l-imħabba bħala motiv għall-predikar ta' l-Evanġelju lill-mitlufa.
Alla tant ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-Waħdieni, u l-Iben hekk ħabb li miet għalina biex b'hekk aħna jkollna s-salvazzjoni (Ġwanni 3:16).

Il-motto tal-knisja huwa "*Nitkellmu fejn il-Bibbja titkellem u nibqgħu siekta fejn il-Bibbja hija siekta*."

Dak kollu li l-knisja tgħallem għandu jkollu "*Hekk igħid il-Mulej*" warajh mill-Bibbja Mqadd-sa, il-Kelma ta' Alla.

Il-membri huma msejħa biss **Kristjani**. Ebda isem denominazzjonali ma jakkumpanjahom.

Persuna tista' ssir membru tal-Knisja ta' Kristu billi:

1. Tisma' l-Evanġelju ta' Kristu (Rumani 10:13-19).
2. Temmen fi Kristu (Atti 16:31).
3. Tindem mid-dnubiet tagħha tal-passat (Luqa 24:47; Atti 17:30).
4. Tistqarr fidi fi Kristu (Rumani 10:8-10).
5. Tkun mgħammda (bl-immersjoni) **fi** Kristu (Galatin 3:27; Rumani 6:1-5). B'hekk hija tkun imwielda fil-familja (il-knisja) ta' Alla (Ġwanni 3:5).

### II. L-UFFIĊJI PERMANENTI FIL-KNISJA HUMA:

1. Ir-**Ras** tal-knisja huwa Kristu (Kolossin 1:18; Efesin 1: 22, 23).
2. **Isqfijiet**: (imsejħa wkoll, anzjani, presbiteri jew ragħajja): Id-dmir tagħhom huwa li jieħdu ħsieb u jmexxu l-knisja (Atti 20:28; 1 Timotju 3:1-7; Titu 1:5-9; 1 Pietru 5:1-4).
3. **Djakni**: Id-dmir tagħhom huwa li jservu l-knisja (1 Timotju 3:8-13).
4. **Evanġelisti**: Id-dmir tagħhom huwa li jgħallmu u jippriedkaw il-Kelma ta' Alla (Efesin 4:11; 1 u 2 Timotju u Titu).

## III. IT-TWAQQIF TAL-KNISJA F'MALTA

Aħna nemmnu li l-knisja kienet imwaqqfa għal l-ewwel darba f'Malta meta l-appostlu Pawlu sab lilu nnifsu f'Malta u ċertament wassal il-messaġġ ta' l-Evanġelju u ppriedka l-kondizzjonijiet għas-salvazzjoni li qrajna aktar 'il fuq li dwarhom naqraw fil-Bibbja Mqaddsa (Atti 28:1-10). Il-preżenza tal-knisja ta' Kristu f'Malta, bdiet mill-ġdid fl-1973 meta Kristjani tat-Testment il-Ġdid mill-Istati Uniti ta' l-Amerika ġew Malta bħala missjunarji fejn bdew iwasslu l-messaġġ ta' l-Evanġelju lill-Maltin. Xi Maltin laqgħu dan it-tagħlim u saru Kristjani tat-Testment il-Ġdid. Minn hawn il-knisja ta' Kristu kompliet bix-xogħol tagħha sal-lum.